# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT FRANCESCO DEPASQUALE

LL.D. LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**(Spettur Mark Mercieca)**

**Vs**

**Andrew Depasquale**

Illum, 20 ta' April 2018

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat ta' 30 sena, iben Michael u Valerie nee Saliba, imwieled Pieta' nhar it-8 ta' Marzu, 1988, residenti gewwa 13, Triq il-Mithna, Naxxar, detentrici tal-karta tal-identita` **135988(M);**

U akkuzat talli nhar is-6 ta' April, 2018 u anke matul ix-xhur ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer;

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra

awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga imsemmja u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pusess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi skur tal-Ordinanza dwar il-Meicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghek.

2. Kellu fil-pussess tieghu droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga imsemmja u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pusess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi skur tal-Ordinanza dwar il-Meicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghek.

Dehru wkoll l-ufficjali prosekuturi l-Ispetturi Jonathan Ransley u Spettur Mark Mercieca li qraw u halfu l-akkuzi fil-konfront tal-imputat u ezebew bhala dokumenti estratt mill-att tat-twelid, fedina penali, PIRS, dikjarazzjoni, stqarrija u l-kunsens tal-avukat generali.

L-imputata iddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni ghall-arrest.

L-imputat rregistra ammissjoni.

**Il-Qorti,**

L-imputat inghata zmien biex jikkonferma l-ammissjoni tieghu u rega' ikkonferma tali ammissjoni.

L-akkuzat gharraf lill-Qorti illi nhar it-Tnejn li gej hu kien diehel jaghmel programm gewwa l-Caritas u l-prosekuzzjoni tikkonferma illi l-arrangamenti sabiex hu jiddahhal ghall-programm saru flimkien mal-prosekuzzjoni stess u l-genituri tieghu illi assistew fil-procedura kollha.

Il-prosekuzzjoni ghalhekk tgharraf il-Qorti illi jkun opportun li l-akkuzat jinghata l-possibilta' jirrimedja ghal dak li ghamel bl-isperanza li ma jergax jaqa' fil-vizzju.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi u l-ligi, ossia Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u rat l-ammissjoni bikrija tal-akkuzat.

Fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment il-fatt illi l-akkuzat gharraf il-Qorti li se jaghmel l-almu tieghu biex johrog mill-vizzju li ghandu tad-droga u di fatti ser jidhol ghal programm nhar it-Tnejn li gej.

Ghalhekk il-Qorti qed issibu hati tal-akkuzi kollha u qed tohroglu ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin.

**Maġistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**

**Deputat Registratur**